MALTA

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA** KRIMINALI
**MAGISTRAT DR. SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tas-17 ta' Marzu, 2014
Numru. 234/2014

**Il-Pulizija**
**(Spettur Melvyn Camilleri)**

**vs**

**GULED HUSSEIN JAMA**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Guled Hussein Jama ta' 26 sena, iben Hussein u Sirad, imwieled Hirad, is-Somalja nhar it-22 ta' April 1987 u residenti 2, Antonia, Flat 2, Triq Nerik Mizzi, Mosta, detentur tal-karta ta' l-identita' Maltija numru 107887A u Immigration Card numru 13D-23

Gie akkuzat talli fil-Marsa, nhar is-7 ta' Marzu 2014 ghal-habta tal-ghaxra u ghaxar minuti ta' bil-lejl (22.10 hours)

1. ingurja, hedded jew ghamel offiza fuq il-persuna ta' wiehed inkarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku u cioe lil PS 153 Lydon Zammit waqt li kien qed jaghmel jew minhabba li kien qed jaghmel dan is-servizz jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz;

2. attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuna ta' wiehed inkarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku u cioe lil PS 153 Lydon Zammit waqt li tkun qed tagixxi ghal esekuzzjoni tal-ligi;

3. irrifjuta jaghti lil ufficjal pubbliku jew lil wiehed inkarigat minn servizz pubbliku waqt li jkun qed jaghmel id-dmirijiet tieghu, ismu u kunjomu, fejn joqghod u partikularitajiet ohra;

4. bil-lejl, kiser il-mistrieh tan-nies bi hsejjes, jew ghajjat, jew b'mod iehor;

5. ghad li kien xurban, qal fil-pubbliku xi kliem oxxen u indicenti;

6. gera bil-qawwi fit-triqat jew fil-pjazzez b'periklu li jahbat ma xi hadd u jwegghu;

7. kiser volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku;

8. ma obdix ordnijiet legittimi ta' wiehed inkarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku u ma halliehx u fixxklu waqt li qed jaghmel dmirijiet tieghu;
9. f'lok pubbliku jew miftuh ghall-pubbliku instab fis-sakra b'mod li ma kienx jista jista jiehu hsieb tieghu innifsu;

10. stieden ghall-glied bil-gebel;

11. minghajr ma darab jew sawwat, hedded bil-gebel jew bi hwejjeg ohra iebsin jew waddabhom jew qabad armi kontra n-nies;

12. hebb kontra persuna sabiex jingurja, idejjaqha jew jaghmel hsara lil din il-persuna jew lil haddiehor;

13. talli wettaq reat punibbli bi prigunerija fil-pejodu operattiv ta' liberazzjoni kundizzjonata skond sentenza tal-Qorti tal-Magistrati datata 14 t'Awwissu 2013;

Il-Qorti giet mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni ai termini ta' l-Artikolu 412 (C) tal Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta kemm waqt il-mori tal-kawza kif ukoll f'kaz ta' htija ma' kull piena li l-Onorabli Qorti jidhrilha xierqa.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Innutat li fl-ezami tieghu li sar fis-Seduta tallum l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Rat l-artikoli 17, 95, 96, 338(g), 338(m), 338(bb), 338(cc), 338(dd), 338(ee), 338(ff), 339(1)(a), 339(1)(b), 339(1)(d) tal-Kap. 9 u l-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Issib lill-imputat Guled Hussein Jama, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluz minn naha l-wahda l-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza u li l-Ufficjal Prosekutur iddikjara fil-Verbal tas-Seduta tallum li l-imputat ikkopera mal-Pulizija u minn naha l-gravita’ ta’ uhud mill-akkuzi prodotti fil-konfront tal-istess imputat, ghaldaqstant tikkundanna lill-imputat Guled Hussein Jama ghall-piena komplessiva ta’ erba’ (4) xhur prigunerija u mitejn Ewro (Ewro 200) multa.

Finalment il-Qorti, a tenur tal-artikolu 392A(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tordna li kopja ta’ din is-Sentenza u l-atti kollha ta’ dan il-procediment jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti mill-Ligi.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM--------------------------------